MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
PHILIP MANDUCA**

Seduta tat-12 ta' Ottubru, 2005

Talba Numru. 336/2004

**Citadel Insurance plc (C21550) kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurat taghha AX Construction Limited u l-istess AX Construction Limited**

**Vs**

**Pio Tabone u b'digriet tat-Tribunal tal-24 ta' Novembru, 2004 ghandu jissejjah fil-kawza Paul Muscat**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz li fih l-atturi talbu li l-konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta' elf mija u ghaxar liri Maltin (Lm1,110) rapprezentanti danni sofferti u spejjez inkorsi mill-atturi in konnessjoni u bhala kagun ta' l-incident premess, ghal liema incident il-konvenut kien unikament responsabbli

kawza ta' negligenza, traskuragni u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku.

Ra r-Risposta tal-konvenut li biha eccepixxa li m'huwiex responsabbli ghad-danni reklamati mill-atturi, billi meta l-konvenut kien involut fil-kollizjoni mal-vettura DAP 057, proprjeta' tas-socjeta' attrici AX Construction Limited, l-istess vettura kienet diga' mahbuta mal-vettura ta' quddiemha.  Aktar minn hekk, il-konvenut safa' milqut u mbuttat minn wara minn vettura ohra bin-numru ta' registrazzjoni HAP 249, u dan sehh minn qabel ma sar kuntatt mal-vettura DAP 057.

Ra r-Risposta tal-kjamat fil-kawza li biha qal li t-talba hi preskritta, li m'huwiex il-legittimu kontradittur u li l-habta ma kienetx tort tieghu.

Ra x-xhieda ta' Mohammed Anwar li hu mpjegat bhala foreman ma' AX Holdings Limited.  Dakinhar ta' l-incident kien qieghed isuq il-karozza DAP 057 involuta fil-habta.  Jghid li:

"There were two cars ahead of me which were stationary, and which were involved in a collision.  The road was a bit slippery and I hit the car in front of me and then two other cars which were behind me, hit each other and crashed into me, and I hit the car in front of me again.

…I remember that my car was hit twice from the back.  In other words, I got two separate hits from the back.  In other words, first the car behind me hit me, then another car behind that car, hit it, and this car hit me again."

Jghid li huwa mela l-formola Front to Rear max-xufier tal-karozza ta' wara, l-konvenut.  Jiddikjara li l-karozza li kien qieghed isuq:

"…was damaged both in the front and at the back.  And there was also water leaking from the front of my car."

Ra x-xhieda ta' Tonio Farrugia, Administration Director mal-grupp tal-kumpaniji AX Holdings, u fost il-kumpaniji fil-

grupp hemm il-kumpanija AX Construction Limited li hija sid il-vettura DAP 057, li kienet misjuqa minn Mohammed Anwar fil-hin ta' l-incident in kwistjoni.

Jghid illi saret claim lis-socjeta' attrici wara li gie mhallas l-ammont ta' hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm25) *excess*. Is-sistema li tintuza hi, li wara l-hlas ta' l-*excess* isir lis-socjeta' assiguratrici, din tiehu hsieb tal-hlas tad-danni relattivi.

Jikkonferma li l-karozza giet imsewwija u AX Construction Limited ghamlet il-pagament lis-Citadel Insurance plc. Eventwalment sar *settlement* tal-claim permezz ta' cekk fis-somma ta' elf u tmien mitt lira Maltin (Lm1,800) mibghut mis-Citadel Insurance plc lil AX Construction Limited u li ffirmaw id-*discharge form*.

Jghid li l-*breakdown* tad-danni subiti ma jaqax fl-inkarigu tieghu u jikkonferma mill-gdid li l-vettura sewwietha AX Construction Limited, li mbaghad baghtet il-kont lis-Citadel Insurance plc u eventwalment irceviet ic-cekk imsemmi.

Ra x-xhieda ta' Dr Edmond Zammit Laferla li jahdem bhala Legal Affairs Executive ma' Citadel Insurance plc. Jiddikjara li l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni DAP 057 kienet assigurata mas-socjeta' attrici. Jghid li saret claim minn AX Construction Limited, sar is-survey fuq il-vettura nvoluta fil-kollizjoni u minhabba l-entita' tal-hsara fil-vettura, waslu ghall-konkluzjoni li kienet *beyond economical repair*.

Jikkonferma li r-*wreck* gie mibjugh ghal sitt mija u disghin lira Maltin (Lm690) u ghalhekk billi huma kienu hallsu lil AX Construction Limited is-somma ta' elf u tmien mitt lira Maltin (Lm1,800), meta tnaqqas is-sitt mija u disghin lira Maltin (Lm690) imsemmija hawn fuq, jibqa' l-bilanc ta' elf mija u ghaxar liri Maltin (Lm1,110) rapprezentanti d-danni li garrab l-assigurat fl-incident in kwistjoni.

Ra d-dokumenti esebiti.

Ra x-xhieda ta' Dr Edmond Zammit Laferla li jikkonferma li l-kollizjoni in kwistjoni kienet *a five car collision* u l-vettura ta' l-atturi kienet il-karozza tan-nofs. Jghid li qabel gietipprezentata l-kawza l-assigurazzjonijiet ikkorrispondew izda ma waslu ghall-ebda ftehim.

Ra x-xhieda ta' Natalino Agius, surveyor. Fil-kollizjoni in kwistjoni gie nkarigat mis-Citadel Insurance plc biex jezamina l-hsara li saret lill-vettura DAP 057. Jikkonferma li kellha hsara kemm fuq quddiem u anki fuq wara, u aktar minn hekk li kienet *beyond economical repair*. Jistabbilixxi li l-hsara kienet tammonta ghal ftit inqas minn elf u tmien mitt lira Maltin (Lm1,800).

Jiddikjara li l-hsara fuq wara kienet ftit aktar minn dik fuq quddiem, u li kieku kellu jghid b'mod approssimattiv, jghid li l-hsarat fuq wara kienu ta' elf lira Maltin (Lm1,000) waqt li l-valur tal-hsara fuq quddiem kienu ta' tmien mitt lira Maltin (Lm800). Pero' dan m'huwiex ikkonfermat jew ezatt, izda mill-ewwel kalkoli tieghu kien hemm indikazzjoni li d-danni kienu jaqbzu l-*pre-accident value* tal-vettura. Il-*pre-accident value* hekk kif gie stabbilit min-naha tieghu ghan-nom ta' l-assigurazzjoni kien ta' elf u tmien mitt lira Maltin (Lm1,800).

Ra x-xhieda tal-konvenut Pio Tabone. Jikkonferma li dakinhar ta' l-incident, waqt li kien qed isuq kien hemm karozza bajda quddiemu, l-vettura DAP O57. Huwa ra l-incident isehh bejn din il-vettura u Mitsubishi bajda li kien hemm quddiemha. Jghid li:

"…kif go qalbi qed nghid li hlistha, qlajt daqqa minn wara u tefghatni ghal fuq il-karozza ta' quddiemi."

Fil-hin li qala' d-daqqa hu kien wieqaf, kien se jixghel l-indicator biex imur fil-lane l-iehor. Il-karozza li dahlet gol-konvenut kienet Fiat Punto blu, l-imsemmija HAP 249.

Ra l-kontro-ezami li sar lill-konvenut. Jiddikjara illi l-hsara fil-karozza tieghu kienet kemm fuq quddiem kif ukoll fuq wara. L-assigurazzjoni tal-karozza ta' warajh hallset id-danni kollha tal-hsarat fuq wara u ghar-rigward tal-hsarat

fuq quddiem hallsitlu nofshom, u nofshom hallashom il-konvenut. Billi hu kien inxurjat *third party full*, l-assigurazzjoni tieghu ma koprietx ghad-danni tieghu.

**Ikkunsidra**

Illi fil-konfront tal-kjamat fil-kawza, t-talba attrici hi preskritta ai termini ta' l-Art. 2153 tal-Kap. 16 u dan billi l-incident gara fis-7 ta' Marzu, 2002 filwaqt li l-kjamat fil-kawza gie notifikat biss wara li ghaddew sentejn mill-incident (21 ta' Frar, 2005).

Illi l-konvenut Pio Tabone kien qed isuq il-vettura HAP 571. Tabone jghid li l-karozza ta' quddiemu DAP 057 kienet diga' nvoluta f'habta, hu waqaf u dahlet karozza ohra minn warajh li mbuttatu fuq ta' quddiemu.

Illi Mohammed Anwar li kien qed isuq il-vettura assigurata mas-socjeta' attrici qal:

"The road was a bit slippery and I hit the car in front of me and then two other cars which were behind me, hit each other and crashed into me, and I hit the car in front of me again."

Dan jikkonferma l-verzjoni ta' Pio Tabone li qal li l-habta mal-karozza ta' warajh saret qabel ma dahal fil-karozza assigurata mad-ditta attrici.

Jirrizulta ghalhekk li l-verzjoni ta' Pio Tabone hija kredibbli.

Ghaldaqstant jichad it-talba ta' l-atturi bl-ispejjez kontra l-atturi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------